MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2009

Numru 85/1990

**Il-Pulizija
(Spettur Johann Fenech)**

**vs
Mario Galea**

**SEDUTA TAL-LUM IL-GIMGHA 6 TA' NOVEMBRU TAS-SENA 2009**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Mario Galea ta' erbgha u ghoxrin (24) sena imwieled nhar l-1 ta' Settembru ta' l-1965, iben Anthony u Theresa nee' Pace,

imwieled Mtarfa u residenti numru 85, Milton House, Flat 1, High Street, Sliema;

Akkuzat talli, f'Tas-Sliema, fit-18 ta' Novembru ta' l-1986, u f'dawn il-gzejjer f'dawn l-ahhar sitt (6) xhur qabel it-13 ta' Novembru, ta' l-1986:

(1) Kellu fil-pussess tieghu droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-esportazzjoni jew ghall-importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-raba' (4) u s-sitt (6) taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-Regoli tal-1939 Dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement ammendati, u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

(2) Kiser il-kundizzjonijiet moghtija lilu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati, meta kien gie mehlus b'kundizzjoni ghal zmien tlett (3) snin b'sentenza tal-10 ta' Gunju ta' l-1986;

Semghet l-ammissjoni tieghu;

Tirrilleva li tat lill-imputat l-opportunita` biex jirrikonsidra din id-dikjarazzjoni ta' htija tieghu u l-imputat ghazel liberament li jikkonfermaha;

Ghaldaqstant issibu hati;

Rat artikoli 8, 22 (2) (b) (i) (ii) tal-Kap 101, id-disposizzjonijiet tar-raba' (4) u s-sitt (6) taqsima ta' l-istess Ordinanza;

Rat ukoll l-artikolu 22 tal-Kap 446 u filwaqt li tilliberah, tobbligah li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena (1) mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------